# IT-TBERIK

Kien hemm xi wħud li staqsewna dwar kif qed isir it-tberik. Se nfisser kif qegħdin nagħmlu t-tberik din is-sena.
L-ewwel nett fil-ħarġa tal-bullettin li għaddiet, ġibna l-ismijiet ta' xi triqat u kif tqassam it-tberik fihom f'diversi jiem. Dawk il-familji li għandhom ir-residenza f'dawn it-triqat imsemmijin fil-bullettin tal-ġimgħa l-oħra, se jkollhom it-tberik fil-jiem iffissati u stampati fil-bullettin. Naturalment jekk xi ħadd ma jixtieqx ibierek, kemm iħalli l-bieb magħluq u jekk jiftħilna kemm jgħid lis-saċerdot li jkun li ma jridx ibierek.



It-triqat li semmejna fil-bullettin li għadda fihom biss madwar kwart tal-familji li hawn fil-parroċċa.
Imbagħad għal xi erba' darbiet fil-bullettin stampajna formla għal min irid ibierek. Dawk li mlew dil-formla jew taw l-isem u n-numru tat-telefon tagħhom fl-Uffiċċju Parrokkjali, dawn ukoll qed isir it-tberik għandhom. Qed inċemplulhom mill-Uffiċċju u jkunu jistgħu jagħżlu l-jum u l-ħin l-aktar addattat għalihom.
Kulħadd jista' jbierek. Jekk tgħixu fit-triqat imsemmijin fil-bullettin ta' qabel dan, kemm tistennew il-jum li jmisskom. Dawk li mlew il-formla diġà bdejna nċemplulhom u xi wħud diġà bierku.
Jekk hemm xi persuni li t-triq tagħhom mhix imsemmija fil-bullettin li għadda u li lanqas taw isimhom billi mlew il-formla, u jixtiequ jbierku, għadkom tistgħu tiktbu isimkom u kunjomkom fuq karta, iktbu wkoll in-numru tat-telefon u itfgħu dan it-tagħrif fil-kaxxa tal-ittri tal-Uffiċċju Parrokkjali.
Ngħarrfukom li din is-sena hemm sitt saċerdoti li qegħdin jagħmlu t-tberik.
L-iktar importanti huwa li niftakru li l-barka hija talba fejn lil Alla nitolbuH jibqa' magħna u jieħu ħsieb il-familja tagħna.

*L-Għid it-Tajjeb!*

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**L-AVVIŻI:**

**PLAY FIL-MUSEUM SUBIEN NADUR:** il-Ħadd 16 t'April fis-6:00pm. Iġġib l-isem "Ir-Rigal tan-Nannu". Kulħadd huwa mistieden jattendi għal din il-play li fiha ħafna tagħlim sabiħ.

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW TAL-BNIET JAVŻAW** li minn nhar it-Tnejn 17 t'April, il-ħin il-ġdid tat-tagħlim tal-Mużew ser ikun hekk:
Years 1 – 4 mill-5:00pm sal-5:35pm    Years 5 - Form 2 mis-6:00pm sas-6:35pm

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 19 ta' April, fil-knisja Bażilka tan-Nadur se ssir laqgħa oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel. Il-laqgħa ser titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef u fiha Joe Xerri mill-Qala, ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6:15pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI TAL-GĦARAJJES:** il-ġenituri tal-għarajjes li għamlu l-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ se jkollhom laqgħa għalihom nhar is-Sibt 22 ta' April, fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7:30pm. Nagħlqu fit-8:30pm.

**PATRI PIETRU PAWL MEILAK OFM:** dax-xahar jagħlaq 10 snin mill-mewt tiegħu u xieraq li nfakkruh permezz ta' wirja dwaru li qed issir fil-knisja permezz ta' ritratti li kien għaddielna. Il-Mulej jilqgħu fi ħdanu waqt li jitlob għal iktar vokazzjonijiet missjunarji mill-parroċċa tagħna.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, 7 ta' April 2023, wara l-funzjoni tal-Adorazzjoni tas-Salib, l-Arċipriet, Dun Reuben Micallef u xi abbatini niżlu flimkien għal fejn twaqqaf mill-ġdid is-Salib tal-Erwieħ fi Triq l-Imġarr. Is-salib inħadem mill-mastrudaxxa Raymond Farrugia u tpoġġa fuq ħaġra tal-qawwi ġentilment provduta mid-Direzzjoni ta' Road Construction Limited. Nirringrazzjaw ukoll lill-perit Josmar Cassar li ħa ħsieb din l-opra.
Kemm tkun ħaġa sabiħa li aħna u neżlin u tilgħin minn din it-triq ngħidu talba għall-mejtin tagħna hekk kif nilmħu s-Salib tal-Erwieħ.



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am